MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 299/2002/1

**Meat ‘ N Spice Ltd**
**Vs**
**Manoel Portelli**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ (Lm748) sebgha mija u tmienja u erbghin lira Maltin rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ma huwiex dovut fit-totalita tieghu stante illi parti mill-merkanzija giet ritornata lura mill-konvenut lis-socjeta attrici illi accettat tali konsenja.

Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ma huwiex dovut fit-totalita tieghu stante illi parti mill-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni kienet bl-expiry date imhassra u ghalhekk skond il-ligi ma setghetx tinbiegh mill-konvenut lill-konsumaturi.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa fi kwanlunkwe kaz esagerat. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.

Sema’ ix-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidra

Illi l-ligi tistipula li min jallega jrid jipprova. L-attur ipproduca lil Carmelo Apap u esibixxa d-dokumenti necessarji. Il-konvenut xehed in sua difesa fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2002.
L-ewwel ighid li fuq is-somma ta’ seba' mija u tminja u erbghin (Lm748), kien intlahaq ftehim ghal pagamenti ratealment.
Fl-istess hin pero' allega li kien iritorna li kemm jiswew tlett mija sebghin lira (Lm370) potato crisps. Kien hallashom pero' ma ha xejn lura taghhom. Kien hallas cash is-somma ta’ erba' mija tminja u ghoxrin Lira Maltin (Lm428) in sostituzzjoni ta’ cheque li kien gie ‘referred to drawer’- ma kellux ricevuta tieghu. Ix-xhieda tal-istess konvenut thalli hafna mistoqsijiet bla risposti. Fl-istess hin l-istess versjoni tieghu mhux aderenti mal-verosimilita tal-fatti. Negozju ma jistax jigi gestit bl-attitudini li wera l-konvenut. Agir kummercjali ghandhu jkun skjett u car li jwassal ghal success u juri kontroll fuq l-esercizzju tieghu. Il-konvenut wera li m’ ghandhux kontroll fuq in-negozju tieghu. Ma jistax ghalhekk icahhad it-talbiet legittimi tas-socjeta’ attrici. L-allegazzjonijiet kif kontenuti fir-risposta tieghu ma gewx sostanzjati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas is-somma ta’ seba' mija tminja u erbghin Lira (Lm748) bl-ispejjes u bl-interessi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------